MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru. 1019/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**
**VS**
**PAUL MAGRO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Magro, ta’ 32 sena, iben Paul u Emanuela nee’ Scerri, imwieled Pieta’, nhar 7 ta’ Ottubru, 1973, residenti fil-fond numru 58, Nazzarenu Dalli, Birzebbugia u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 492273(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, nhar it-3 ta’ Lulju 2005, u tlett xhur qabel din id-data, gewwa Mellieha, u diversi postijiet ohra b’diversi atti maghmulin li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

a) Nhar id-29 ta' Gunju 2005, gewwa l-fond Santa Marija Hotel, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar, f'xi hin bejn l-erbgha (16.00hrs) u l-hamsa (17.00hrs) ta' wara nofsinhar bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta' serq aggravat bil-mezz, liema delitt ma kienx gie ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;
b) U aktar talli fl-istess jum, lok, hin, data u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli u cioe l-bieba ta' magna tas-sigaretti (Cigarette Vending Machine) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Talli nhar it-3 ta' Lulju, 2005, ghal habta tas-saghtejn (14.00hrs) ta' wara nofsinhar, gewwa l-fond Malta Labour Club, Triq il-Kbira, Mellieha, seraq ammont mhux precizat ta' flus ghad-detriment tal-Malta Labour Party Club, Mellieha, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa u bil-mezz;
d) U aktar talli fl-istess jum, lok, hin, data u cirkostanzi, bolontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe l-bieba ta' magna tal-loghob (Amusment Machine) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) U fl-ahhar talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-18 ta' Marzu 2004, u sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mgt. Dr. L. Quintano LL.D.) moghtija fit-12 ta' Mejju 2004.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.3) u dak ta' l-imputat (a fol.10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghal rigward ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza (fol. 17 fil-verbal datat 28 ta' Marzu 2007);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni kif fuq citat wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Paul Magro, hati ta’ l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) akkuza. Il-Qorti tipreciza illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni jirrizulta illi ma giex ipprovat is-serq skond il-Ligi ghaliex ebda ammont ma gie kkwantifikat. Illi, di piu’, l-Prosekuzzjoni naqset illi tiprova l-ahhar akkuza u cioe dik ta’ recediva billi naqset illi tipproduci s-sentenzi ndikati fl-akkuza u naqset illi tiproduci x-xhieda ta’ l-identita’. Illi ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 41, 261, 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ sena Probation taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt illi xejn ma jirrizulta illi effettivament insteraq u l-hsarat illi wettaq l-imputat kienu minimi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------